# Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imħallef Giovanni M. Grixti LL.M., LL.D.

Appell Nru: 309/2017

**Il-Pulizja**

**Supt. Stephen Gatt**

**Supt Dominic Micallef**

**Vs**

**Jeffrey Cilia**

**Giuseppe Christopher Farrugia**

Seduta tat-28 ta' Frar, 2022

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba  kontra Jeffrey Cilia, detentur tal-Karta tal-Identita' numru 468273M u Giuseppi Chrisopher Farrugia, detentur tal-Karta tal-Identita' numru 96095M, quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja talli nhar it 22 ta' Dicembru 2011 fl-inhawi ta' San Giljan ghall-habta tal-4.00am:

(a) Minghajr il-hsieb li joqtlu jew li jqieghdu l-hajja ta' Matthew Debono f'perilu car, ikkagunaw hsara fil-gisem jew fis-sahha ta Matthew Debono, liema offizi fuq il-persuna huma ta' natura gravi skont kif iccertifika Dr. Cristina Mintoff MD;

(b) Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi wettqu offizi ta' natura hafifa fuq il-persuni ta' Matthew Debono, Omar Debono tta' Gudikatura Kriminali talli fit-13 ta' Settembru, 2016 ghall-habta ta' 12:30 ta' filghodu fi triq Mikiel Anton Vassalli, Msida:

(c) Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzimhebbew kontra l-persuni ta' Matthew Debono, Omar Debono u Alik Debono sabiex jingurjawhom, idejjquhom jew sabiex jaghmlu hsara lil dawn il-persuni;

(d) Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi volontarjament kisru l-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku;

Lil Jeffrey Cilia wahdu talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi:

(e) Ingurja, hedded jew ghamel offiza fuq il-persuna ta' PS 928 Raymond Mifsud Grech wiehed inkarigat skont il-ligi minn servizzz pubbliku, waqt li kien qed jaghmel jew minhabba li kien ghamel dan is-servizz, jew bil-hseib li jbezzghu jew jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz;

(f) Ma obdiex l-ordnijiet legittimi ta' l-awtorita' jew ta' wiehed li jkun inkarigat minn servizz pubbliku cioe' ta' Surgent tal-Pulizija Raymond Mifsud Grech numru PS 928 jew ma halliex jew fixkel lil PS 928 waqt li kien qieghed jaghmel id-dmirijiet tieghu jew b'xi mod iehor bla jedd indahal fi dmirijiet tieghu, billi ma halliehx jaghmel dak li b'ligi kien ordnat li jista' jaghmel;

(g) Ghad illi kien xurban, qal fil-pubbliku xi kliem oxxen jew indecenti;

(h) Bhala ufficcjal jew impjegat pubbliku, sar hati ta' reat iehor li kellu jossorvelja biex ma jsirx jew li minhabba l-kariga tieghu kellu d-dmir li jimpedixxi

Rat ir-rinviju ghall-gudizzju mill-Avukat Generali tat-23 ta' Jannar, 2014 sabiex l-imputati jkunu gudikati mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali skond l-artikolu 370(3)(a) tal-Kodici Kriminali:

Fil-konfront taz-zewg imputati:

Fl-artikolu 214, 215 u 216 tal-Kodici Kriminali
Fl-artikolu 214, 215 u 221 tal-Kodici Kriminali
Fl-artikolu 339(1)(d) tal-Kodici Kriminali
Fl-artikolu 338(dd) tal-Kodici Kriminali
Fl-artikoli 383, 384, 385, 386 u 387 tal-Kodici Kriminali

Fil-konfront ta' Jeffrey Cilia wahdu:

Fl-artikolu 95 tal-Kodici Kriminali

Fl-artikolu 338(ee) tal-Kodici Kriminali

Fl-artikolu 338(bb) tal-Kodici Kriminali

Fl-artikolu 141 tal-Kodici Kriminali

Rat li fl-udjenza tat-28 ta' Marzu, 2014 quddiem il-Qorti Istruttorja, l-imputati ma oggezzjonawx ghall-prosegwiment tal-kawza bil-procedura sommarja;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-21 ta' Gunju, 2017 li biha ddikjarat l-procediment ezawrit fejn iz-zewg imputati flimkien kienu mixlija bi ksur tal-artikoli 214, 215, 221 u 339(1)(d) u lliberathom mill-

bqija tal-artikoli 216 u 338(dd) u kwantu fejn l-imputat Jeffrey Cilia kien mixli wahdu sabitu hati biss fil-ksur tal-artikolu 338(bb) tal-Kodici Kriminali, ma sabitux ghalhekk hati tal-kumplament u kkundannatu ghal-twiddiba;

Rat ir-rikors tal-appell tal-Avukat Generali pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fl-10 ta' Lulju 2017 li bih talab lil din il-Qorti **tirriforma** s-sentenza appellata billi:

i) Tikkonfermaha f'dik il-parti fejn iddikjarat il-proceddiment ezawrit fir-rigward l-akkuzi li gew rinunzjati;

ii) Thassarha u tirrevokaha:

(a) F'dik il-parti fejn sabet lil Jeffrey Cilia u lil Giuzeppe Christopher Farrugia mhux hatja tal-ewwel u r-raba' akkuzi dedotti kontrijhom; u

(b) F'dik il-parti fejn sabet lil Jeffrey Cilia wahdu mhux hati tal-hames, sitt u tmien akkuzi dedotti kontrih

U minflok issibhom hatja tal-istess u tghaddi sabiex tiddisponi mill-kaz skond il-ligi u tinfliggi l-piena idonea u dan fl-ahjar interess u ghar-retta amministrazzjoni tal-gustizzja.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Semghet lill-partijiet fis-sottomissjonijiet orali taghhom;

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellati esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;

Ikkunsidrat:

1. Illi l-fatti ta' dan il-kaz jistghu jkunu sintetizzati f'zewg eposidji bit-tieni wiehed konsegwenzjali ghall-ewwel fejn waqt li wiehed mill-imputati li huwa spettur fil-pulizija li dak il-hin ma kienx xoghol, osserva tlett irgiel mexjin quddiehom u wiehed minnhom allegatament bezaq fit-triq jew kollha kemm huma vvandalizzaw pjanti quddiem l-Intercontinental Hotel fl-inhawi tal-Bajja ta' San Gorg, San Giljan (ghaliex dan il-punt huwa wiehed kontestat) u l-istess spettur gibed l-attenzjoni ta' dak li allegatament ghamel u wara diverbju inqalet glieda bi tlett irgiel isofru offizi fuq il-persuna taghhom. Wara dan l-episodju tfaccaw il-pulizija fuq il-post fejn wiehed minnhom talab lill-imputat Cilia jirritorna t-telefon ta' wiehed mit-tlieta li bih kien ingibed xi video tal-glieda, rrifjuta, izda finalment spicca ha t-telefon minn ghand l-imputat, rega qam diverbju iehor din id-darba mal-pulizija fejn PS 928 avza li kien ser jarresta lill-imputat Cilia u dan tal-ahhar fakkru li hu fil-grad ta' spettur u kif seta' jarrestah meta kien hu li ddenuncjah ghaliex kien instab fis-sakra waqt li kien xoghol;

2. Illi inoltre, fil-mori tal-kawza quddiem l-ewwel Qorti t-tlett irgiel, li jidher li kontra taghhom kien hemm ukoll proceduri pendenti dwar dawn l-istess fatti, rrinunzjaw ghall-proceduri kontra z-zewg imputati, l-appellanti odjerni. Wara din ir-rinunzja l-ewwel Qorti ghaddiet biex tiddikjara l-procediment ezawrit kwantu l-ewwel, t-tieni u t-tielet imputazzjoni oltre li lliberat lill-imputati mill-imputazzjonijiet ravvizati fl-artikoli 216 u 338(dd) tal-Kodici Kriminali. Jinghad minghajr tlaqliq illi dan l-ezawriment tal-proceduri kien hekk dikjarat fuq l-ewwel tlett imputazzjonijiet minkejja li l-ewwel imputazzjoni mhix wahda

rinunzjabbli u dan huwa precizament dak li jsawwar l-ewwel aggravju tal-Avukat Generali;

3. Fl-ewwel u t-tieni lanjanzi tieghu l-Avukat Generali jilmenta li l-imputazzjonijiet ravvizati fl-artikolu 214 tal-Kapitolu 9 dik tal-offiza gravi volontarja fuq il-persuna u formanti l-ewwel imputazzjoni u dik ravvizata fl-artikolu 339(dd) tal-istess Kaptiolu huma prosegwibbli *ex officio* u ma jehtiegu l-ebda kwerela tal-parti u ghalhekk mhumhiex rinunzjabbli. Ezaminata s-sentenza mertu tal-appell, jemergi illi l-ewwel Qorti ma ddikjaratx l-procediment ezawrit fuq l-ewwel imputazzjoni kif dedotta izda l-ewwel ddikjarat li l-offiza kienet wahda ta' natura hafifa imbaghad ghaddiet biex tiddikjara dik l-imputazzjoni ezawrita flimkien mat-tieni u t-tielet imputazzjoni li huma offizi rinunzjabbli. Fl-istess gravam l-Avukat Generali josserva illi l-provi juru li l-offizi sofferti minn Matthew Debono riferibilment ghall-ewwel imputazzjoni, huma ta' natura gravi. Kwantu r-raba imputazzjoni, l-Avukat Generali iressaq l-istess gravam stante li din mhix wahda rinunzjabbli;

4. Illi dan l-aggravju jkun jehtieg ezami tal-provi akkolti quddiem l-ewwel istanza sabiex b'hekk ikun deciz jekk l-ewwel Qorti setghetx ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzzjoni li l-offiza sofferta minn Matthew Debono kienitx wahda gravi jew ta' natura hafifa. Il-Qorti, izda, hija rinfaccjata b'kontradizzjoni fir-rikors tal-appell ghaliex ghalkemm l-Avukat Generali ghandu ragun fil-principju u li konsegwentement dak li jehtieg ikun deciz huwa dwar in-natura tal-offiza, fl-ewwel talba tieghu jitlob lil din il-Qorti tikkonferma s-sentenza "*f'dik il-parti fejn iddikjarat il-procediment ezawrit fir-rigward dawk l-akkuzi li gew rinunzjati*"

u fl-istess waqt fit-tieni talba l-Qorti kienet mitluba thassar u tirrevoka s-sentenza "*f'dik il-parti fejn sabet lill-Jeffrey Cilia u lil Giuseppe Christopher Farrugia mhux hatja tal-ewwel u r-raba' akkuzi dedotti kontrijhom*";

5. Il-Qorti ma tistax tghalaq ghajnejha ghal din il-kontradizzjoni fit-talbiet apparti l-fatt illi fit-tieni talba l-Avukat Generali mhux korrett meta jghid li l-ewwel Qorti ma sabitx htija fl-imputati fl-ewwel u r-raba' akkuzi [*recte*: imputazzjonijiet] ghaliex dak li ghamlet l-ewwel Qorti kienet li ddikjarat l-procediment ezawrit f'dawn iz-zewg imputazzjonijiet u l-Avukat Generali issa qed jitlob konferma tas-sentenza *fir rigward tal-akkuzi li gew rinunzjati*. Apparti l-fatt li din il-Qorti ma hi xejn impressjonata kif l-ewwel Qorti rredigiet is-sentenza taghha daqstant iehor l-appell odjern, kwantu l-imputazzjonijet mertu tal-ewwel aggravju huma guridikament insostenibbli. Dan kollu jwassal ghal-zewg ipotezi jigifieri jew li l-appell jkun dikjarat null jew li tkun applikata l-aktar decizzjoni favorevoli ghall-appellati. In-nullita' tar-rikors tal-appell izda tkun tolqot l-intier tieghu u dan ma ghandux jkun hekk meta hemm aggravji ohra dwar partijiet ohra tas-sentenza. Illi ghalhekk hija l-fehma ta' din il-Qorti li s-sentenza tal-ewwel Qorti kwantu l-imputazzjonijiet minn numru wiehed sa numru erba ghandha tghaddi in gudikat kif prolatata minkejja dak osservat dwarha *supra*;

6. Illi fit-tielet gravam tieghu, l-Avukat Generali jillanja l-liberatorja tal-appellat Jeffrey Cilia fil-hames u s-sitt imputazzjonijiet jigifieri dawk ravvizati fl-artikolu 95 u 338 (ee) tal-Kodici Kriminali. Il-Qorti ma tistax tifhem ghaliex l-Avukat Generali osserva li r-reat ravvizat fl-artikolu 95 tal-Kodici

Kriminali huwa wiehed *ex officio* u mhux rinunzjabbli ghaliex mill-atti processwali ma tirrizulta l-ebda rinunzja f'dan ir-rigward liema rinunzja setghet temani biss mill-parti offizi, jigifieri PS 928 Raymond Mifsud u ghad li ma jkollha l-ebda effett fuq it-tmexxija tal-process tista' tittiehed in konsiderazzjoni fil-kominazzjoni tal-piena jekk tinsab htija. Pero' din ir-rinunzja ma tirrizultax mill-atti ghalhekk l-osservazzjoni hi wahda inutili;

7. Dwar dawn l-imputazzjonijiet l-Qorti ser tirriproduci dik il-parti tas-sentenza tal-ewwel Qorti fejn fi ftit kliem ikkunsidrat hekk:

> *Mill-assjem tal-provi tal-pulizija dwar x'sehh fl-incident 'de quo' bejn l-imputati u Ps928, il-Qorti mhiex qed tirravvisa li l-imputat jista talvolta jinstab hati tar-reat kontemplat fl-artikolu 95 jew ukoll fl-artikolu 338(33) tal-Kap 9 dan fil-kuntest ta dak li rrisulta li gara bejnithom li kien, tista' tghid, battibekk mhux relatat u ghalhekk estranju mas-servizz ta' ufficjal pubbliku tas-surgent jew ukoll fl-esekuzzjoni tas-servizz tieghu ta' ufficjal pubbliku.*
>
> *Apparti kolloxx, l-imputat Jeffrey Cilia, wkoll fl-okkazjoni tal-incident, kouinvolta l-parte civili, agixxa fl-vesti ta' ufficcjal pubbliku meta intervjena biex ma sirx hsara u hemmhekk kellu certament grad superjuri ghal surgent. Il-kliem indecenti pero' tlissnu.*

8. Illi din il-kwistjoni tirrigwarda t-tieni episodju ta' dan l-incident meta l-pulizija rrikorriet fuq il-post wara li kienet infurmatha li kien hemm glieda ghaddejja. Fl-aggravju tieghu l-Avukat Generali jallega li l-ewwel Qorti kienet skorretta meta lliberat lill-imputat Jeffrey Cilia minn dawn l-imputazzjonijiet u ghalhekk l-

aggravju huwa wiehed dwar l-apprezzament tal-provi u ghalhekk din il-Qorti ser tissokta b'ezami mill-gdid taghhom minn dik l-istanza fejn l-pulizija rrikorew fuq il-post 'l quddiem;

9. PS 928 Ramon Mifsud Grech xehed illi flimkien ma' PS 750 kienu msejhin imorru immedjatament fil-post lilhom indikat fejn hemmhekk sabu tlett zaghzagh fuq naha wahda fejn tnejn minnhom dehrlu li kienu vittmi u zewgt irgiel fuq naha ohra. It-tlett zaghzagh qalulu li kienu aggrediti minn dawk it-tnejn li wiehed minnhom qalilhom li hu CID. Fuq in-naha l-ohra ra lis-Sur Cilia bilqieghda mal-art u jipprova jsewwi arlogg li kien f'idejh. Wara li l-partijiet taw il-verzjoni taghhom dwar l-incident, ix-xhud talab lill-imputat Cilia jghaddilu il-mobile phone ta' wiehed miz-zaghzagh li allega li bih kien gibed video tal-incident izda nnega li kien qieghed ghandu filwaqt li z-zaghzugh baqa' jinsisti li kien hadulu Cilia. Wara ftit l-imputat kkonferma li l-mobile kien qieghed ghandu izda ma kienx sdr jghaddih lis-surgent. Wara diversi tentattivi biex jipperswadih jikkopera u jghaddilu l-mobile l-imputat ttenta jghaddi l-istess lill-imputat Farrugia u s-surgent kien pront jahtfu f'idu. Minn hemm ghadda biex jiehu d-dettalji tal-imputat Farrugia peress illi ma kellux ghalfejn jiehu d-dettalji ta' Jeffrey Cilia. Farrugia kien ikkopera tant li talab lil Cilia jghaddi l-mobile lis-surgent. Waqt li kien qed ihejji biex jiehdu liz-zghazagh li x-xhud jiddiskrivi bhala vittmi l-isptar Jeffrey Cilia beda jghajjat maghhom u kien ser jikber. Ghalkemm seta' arrestah izda ma ghamilx hekk ghaliex kien jaf fejn seta' jsibu, "*...malli ser jerga jaqbad l-argument u kien ser jerga' jhebb ghalihom jew jersaq vicin taghhom, jien lis-Sur Jeffrey Cilia ghidtlu, ghidtlu sir b'kull rispett, u b'responsabilita' ser nghidlek, ghidtlu jekk ser tibqa' sejjer bl-attitudini tieghek ser ikolli*

*narrestak"* u ma kienx jimpurtah li hu spettur. L-imputat, izda, u dejjem skond dan ix-xhud, kompla: "*int tarrestani lili?" "int sakranazz tarresta lili? Jew ser tghaddili xi messagg bhal ma ghaddejtli diga?"*;

10. Ix-xhud zied jghid li f'dak il-hin l-imputat Cilia mbuttah u kien l-intervent tal-Pulizija l-ohra li waqqfu milli jkompli jhebb ghalih. Spjega kif meta kien stazzjonat ta' Kandja u s-sur Cilia kien Spettur tas-Security Branch kien cempel lill-istess spettur ghaliex kien inqala' irvell u dan qabad ikellmu hazin u jidghi u jghajjat mieghu ghax kien cempillu f'hin tard u ghalhekk kiem ghamel rapport mal-fizzjal tieghu u Cilia kien hadha bi kbira;

11. PS 1074 Luke Stivala xehed li kien patrol ma PC 794, PC 1130 u PC 804 meta kienu nfurmati bi glieda fl-inhawi u hemm sabu lil-pulizija tad-distrett PS 928 u PS 750. Dan ix-xhud spjega fi ftit aktar dettall id-diskors xejn prudenti verbalizzat mill-imputat Cilia meta mitlub jirritorna l-mobile u meta avzat li jista' jkun arrestat izda mitlub jghid jekk xi hadd prova jaghmel xi haga wiegeb fin-negattiv. PC 1130, izda xehed li malli s-surgent qal lill-imputati, thallinix narrestakom, Cilia imbotta lil PS 928. Kien l-imputat Farrugia li ghadda l-mobile lis-Surgent u dan ix-xhud jghid illi Cilia beda jghajjar lis-surgent sakranazz u wara li kellmu hazin intervjena is-surgent 1074 u beda jigbed lil Cilia lura;

12. PS750 Terry James Mallia xehed illi malli acceda fuq il-post wara telefonata anonima sab zewg minn nies qed jilletikaw ma' tliet persuni u dahal bejniethom u firidhom billi qieghed lit-tnejn fuq naha u lit-tlieta l-ohra fuq naha ohra "*u sa dan it-tant Ps928 gibidli l-attenzjoni li wiehed mill-persuni gharfu, u li kien l-*

*Ispettur Jeffrey Cilia. Dak il-hin jiena bqajt mal-ahwa u Ps928 ha hsieb lit-tnejn l-ohra*". "*Naf li f'hin minnhom PS 928 gie imbuttat mill-ispettur u qallu 'tarresta lili inti ja sakranazz' u imbaghad qallu '... kemm ghandek' ghal darba tnejn tlieta*".

13. PC 794 Gilbert Lia xehed illi meta wasal fuq il-post, l-pulizija tad-distrett kienu gia firdu lill-partijiet u sema' lill-PS 928 kemm il-darba jiltob lill-ispettur Cilia biex jaghtih il-mobile "*imbaghad is-surgent Mifsud dar fuq il-persuna l-ohra li kienet mal-Ispettur u qallu 'ara tipperswadiehx inti jaghtihuli halli ma nkabbrux l-affarijiet'. U hekk ghamel u tahulu. Imbaghad l-affarijiet kienu kalmi u mar biex jara x'kien inqala' ezatt. Naf li f'dak il-hin rega' nqala' xi battibekk bejnhom u bejn il-parti l-ohra, bdew jitghajjru. Is-surgent Mifsud rega' ntervjena u qalilhom biex certu diskors ma jintqalx u naf li dak il-hin l-ispettur qallu 'inti mur kompli ghamel xoghol'. Rega' imbaghad inqala' qisu battibekk bejn is-surgent tal-ghassa u l-Ispettur u naf li hin minnhom qallu 'jekk ser tkompli sejjer hekk mhux ser ikolli triq ohra hlief ikolli narrestak'. Is-Surgent Mifsud qal lill-Ispettur Cilia dan id-diskors, imbaghad bdew jintghajjru bejniethom u spiccajna nifirdu lilhom*".

14. PC 804 Leonard Formosa ma rrakonta xejn dwar l-incident bejn l-imputat Cilia u PS 928.

15. L-imputat xehed, apparti dwar l-ewwel episodju, li wara l-iskambju mat-tlett persuni l-ohra wasal fuq il-post is-surgent Ramon Mifsud Grech mill-ghassa ta' San Giljan u kkonferma li jafu ghaliex irrapurtah kemm il-darba u spjega ghaliex. Spjega li minkejja li s-surgent gharfu ma marx fuqu biex jara x'gara izda

mar fuq it-tlett zaghzagh u gabarhom f'rokna jitkellem maghhom qisu ma jezistix. Huwa zamm il-mobile bhala prova izda s-surgent gie fuqu u minghajr ma staqsieh x'kien gara talbu jaghtih it-telefon b'arroganza u ton li jekk ma jikkoperax kien ser jarrestah. Wara ftit tah it-telefon u telaq bih minghajr ma staqsieh x'kien gara anke jekk prova jispjegalu x'kien sehh. "*Naf li hin minnhom, Joe, qallu: Issa ghidulu s-Surgent, kemm sawwattuh lill-Ispettur. Ghalija. Gie jigri s-Surgent, hekk, imma girja ta' jigifieri, jipponta subghajh lejn Joe, ghalaq halqek ghax narrestak. Ghalaq halqek ghax narrestak. Jien mhux iblah. IL-hobz minn halqi nieklu. Ghidt: Dan x'inhu jaghmel hawn? Din x'pantomina hi? U rega' mar postu. Qbizt jien u ghidtlu: Inti tarrestana? Ghidtlu: Inti sakranazz. Ghidtlu: Int sakranazz bil-provi. Ghidtlu: Ngibhomlok il-provi. Ghidtlu: Int trid tarresta lili? Int ser tarresta lili? Rega' mar fejn il-karozza, qabadhom lil dawn it-tlieta (3), rikkibhom fil-karozza tad-distrett, u telaq minn fuq il-post" ... "U hallieni hemm*"; Ix-xhud innega li qatt imbotta lis-surgent tant li lanqas biss messu u cahad ukoll li kellmu hazin, biss ikkonferma li ghajru sakranazz;

16. L-imputat Giuseppi Christopher Farrugia fejn jirrigwarda dak li din il-Qorti qed issejjahlu bhala t-tieni episodju xehed biss li hu kkopera mal-pulizija billi meta talbuh il-mobile obda u tahulhom;

17. Dwar dan l-episodju xehdu ukoll Matthew Debono, Omar Debono u Alik Debono li huma t-tlett persuni allegatament nvoluti fil-glieda mal-imputati. Ghalkemm dwar din il-kwistjoni d-dettall emergenti mix-xiehda ta' dawn it-tlieta huwa fil-minimu l-Qorti ser tiskarta d-deposizzjoni taghhom ghas-segwenti raguni. Wara

li dawn it-tlieta xehdu fid-dettall dwar l-ewwel episodju u wara li l-kontro-ezami taghhom kien rizervat mid-difiza, meta l-istess difiza talbet li dawn jiehdu l-pedana tax-xhud sabiex isirilhom il-kontro-ezami rrifjutaw li jaghmlu dan ghaliex b'hekk setghu jinkriminaw rwiehhom. Id-difiza talbet l-isfilz tad-deposizzjonijiet ghaliex b'hekk hassitha zvantaggjata u talbu decizjoni dwar dan mill-ewwel Qorti wara li l-prosekuzzjoni opponiet dan l-isfilz izda dik id-decizzjoni ma waslet qatt. Minn dak li tista' tifhem il-Qorti, l-prosekuzzjoni kienet xliet lit-tlett zghazagh bl-istess fatti fi stadju ulterjuri u meta wasal il-hin tal-kontro-ezami taghhom kienu jinsabu f'sitwazzjoni fejn huma imputati fi proceduri kriminali. Illi dan ma huwiex kaz fejn id-difiza hadet riskju dwar meta taghmel il-kontro-ezami izda huwa kaz ferm anomalu u l-ewwel Qorti kellha tipprovdi dwaru u frankament anke l-prosekuzzjoni kellha taghmel dak li hi tenuta li taghmel biex tipprotegi d-dritt ta' smiegh xieraq tal-imputati, l-appellati odjerni;

18. Dak li huwa imputat bih l-appellat huwa r-reat ipotizzat fl-artikolu 95 tal-Kodici Kriminali, <u>kif vigenti fiz-zmien tal-incident</u> (illum mibdul bl-Att V tal-2014) u li jipprovdi hekk:

> **95. (1) Kull min, f'kull kaz iehor mhux imsemmi fl-ahhar zewg artikoli qabel dan, jingurja, jew jhedded, jew jaghmel offiza fuq il-persuna ta' wiehed inkarigat skond il-ligi minn servizz pubbliku, waqt li jkun jaghmel jew minhabba li jkun ghamel dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzghu jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz, jehel, meta jinsab hati, il-piena stabbilita ghall-ingurja, ghat-theddid jew**

**ghall-offiza, meta jsiru minghajr ic-cirkostanza msemmijin f'dan l-artikolu, mizjud bi grad.**

19. Issa, kif ritenut mill-Qrati taghna sa minn zmien ilu, dan ir-reat huwa wiehed ta' oltragg jew ingurja specjali jew ingurja delitt li huwa differenti mill-hekk imsejha ingurja komuni jew ingurja kontravvenzjonali u dan kif traccjat fis-sentenzi Il-Pulizija vs Emmanuele Cassar App Krim 12/12/1936; Il-Pulizija vs Frank Attard App Krim 29/12/1958; Il-Pulizija vs Emanuel Pace App Krim 30/4/1993; Il-Pulizija vs Mario Cuschieri App Krim 17/10/1997; Il-Pulizija vs Carmel Farrugia App Krim 16/2/1998; Il-Pulizija vs Joseph Fenech App Krim 25/2/1999; Il-Pulizija vs Joseph Zahra App Krim 9/9/2002; Il-Pulizija vs Josianne Bonello App Krim 16/1/2003; Il-Pulizija vs Dr. Alfred Grech App Krim 10/9/2007 u Il-Pulizija vs Silvio Buttigieg App Krim 16/7/2010. Minn ezami ta' dawn is-sentenzi jokkorri l-konkorrenza ta' hames elementi. L-allegat kliem jehtieg li jkun sar:

a) Lil wiehed li ghandu l-kwalifika ta' ufficcjal pubbliku;
b) *Officio durante vel contemplatione officii;*
c) *De visu*;
d) Li jkun fil-fatt ingurjuz; u
e) *Animo iniuriandi.*

20. L-ewwel element certament ma jirrikjedi ebda konsiderazzjoni ghajr li s-suggett passiv huwa ufficjal tal-Pulizija u ghalhekk persuna inkarigata minn servizz pubbliku, haga din li hi palezi fil-kwistjoni odjerna. It-tieni element huwa ukoll palezament pruvat Dak li hu essenzjali ghal-kwistjoni hawn devoluta, u kwantu it-tieni element, hu li l-appellat kien jaf li l-

kwerelant kien ufficjal tal-Pulizija u li l-kliem intqal waqt il-qadi ta' dak id-dmir. Il-kliem "sakranazz" fil-konfront tal-ufficcjal li kien qed jaqdi d-doveri tieghu fl-indagini dwar dik il-glieda huma bla ebda dubbju ingurjuza fil-konfront tieghu liema diskors intqal *de visu* u fil-presenza ta' diversi ufficcjali ohra. Oltre minn hekk intqal diskors vulgari u baxx ukoll intiz sabiex izeblah lill-istess ufficcjal. Issa ghalkemm hu rikonxxut fil-gurisprudenza illi f'certi sitwazzjonijiet xi ftit ta' ribrezz kontra ordnijiet anke jekk legittimi huwa komprensibbli u ma jkunx hemm neccesarjament ksur tal-ligi li wiehed isemma lehnu, fil-kaz odjern dan mhux applikabbli ghaliex l-appellat huwa ufficcjal tal-pulizija u jaf ben tajjeb li l-ordnijiet tal-pulizija, la darba legittimi, jehtieg li jkunu osservati sabiex tinzamm l-ordni kif xieraq. L-appellat ma kienx qed jinvestiga l-kaz f'dak il-hin ghaliex kienet intervjeniet il-Pulizija. Illi b'hekk huma ukoll sodisfatti it-tlett rekwiziti l-ohra elenkati *supra*;

21. Illi ghalkemm jirrizulta sodisfacentement pruvat ukoll illi l-appellat imbotta lill-ufficcjal ghal aktar minn darba izda dak l-agir jirraviza r-reat ipotizzat fl-artikolu 96 tal-Kodici Kriminali meta l-appellat ma huwiex imputat b'dan ir-reat;

22. Illi l-ewwel Qorti ma setghetx tinjora dawn il-provi meta qieset li dan kien battibekk bejniethom mhux relatat u estranju mas-servizz ta' ufficjal pubbliku u ghalhekk id-decizzjoni taghha mhix wahda radikata mir-raguni jew mil-ligi. Konsegwentement l-Avukat Generali ghandu ragun f'dan l-aggravju;

23. Illi t-tielet aggravju tal-Avukat Generali jestendi fuq is-sitt imputazzjoni, dik li l-appellat naqas milli jobdi l-ordni

legittima tal-Pulizija, kontravenzjoni din ravvizata fl-artikolu 338(ee) tal-Kodici Kriminali. Dwar dan l-incident, izda, l-provi juru biss li l-unika ordni li inghatat mis-surgent Mifsud Grech kienet diretta lejn l-appellat Jeffrey Cilia li jirritorna t-telefon tal-allegat vittma. Jidher li l-ordni inghatat diversi drabi anke jekk fi spazju qasir ta' hin u finalment s-surgent ha pussess tieghu dak il-hin stess. Dwar dan jidher li s-surgent dramatizza s-sitwazzjoni xi ftit meta jghid li irnexxielu jahtaf it-telefon waqt li l-appellat kien qed jghaddih lill-imputat l-iehor. Wara kollox, l-appellat jidher li gieh dubju jekk ghandux jghaddi t-telefon lis-surgent li mieghu kellu kwistjonijiet relatati max-xoghol peress li dak kien jikkontjeni prova u tali riluttanza temporanja ma ghandhiex titqies bhala element pruvat f'dan ir-reat. Il-Qorti ssib fid-deposizzjoni tas-Surgent Gilbert Lia l-aktar dettalji kredibbli ta' dak li sehh meta jghid li s-surgent Mifsud Grech dar fuq l-imputat Farrugia u talbu jipperswadih jghaddi t-telefon halli l-affari ma tikbirx "*u hekk gara*". Konsegwentement l-Avukat Generali ma ghandux ragun f'din il-parti tat-tielet aggravju;

24. Illi r-raba' gravam jirrigwarda t-tmien imputazzjoni dedotta kontra l-imputat Jeffrey Cilia li bhala ufficcjal pubbliku sar hati ta' reat iehor li kellu jissorvelja biex ma jsirx jew kellu d-dmir li jimpedixxi, jigifieri r-reat ipotizzat fl-artikolu 141 tal-Kodici Kriminali. L-Avukat Generali, izda, jorbot dan ir-reat mal-ewwel erba' imputazzjonijet li fil-fehma tieghu kellu jinstab hati mill-ewwel Qorti. Dwar dan, izda, l-Qorti mhix ser issib lill-imputati hatja ghar-ragunijiet moghtija *supra* u ghalhekk ma hemmx htiega li tinoltra dwar dan l-aggravju;

25. Ghal dawn il-motivi tiddisponi minn dan l-appell billi tirriforma s-sentenza appellata billi thassarha f'dik il-parti li biha ma sabitx lill-imputat Jeffrey Cilia hati tal-hames imputazzjoni u wara li rat l-artikolu 95 tal-Kodici Kriminali ssibu hati tal-hames imputazzjoni u tikkundannah ghall-piena, kif vigenti fiz-zmien tar-reat, tal-multa ta' €200.00 u tikkonfermaha fil-bqija.